# WIRT IŻ-ŻEJTUN



## BIEX INŻOMMUK INFURMAT

Diċembru 2012 Ħarġa Nru. 7

### Aħbarijiet fil-Qosor

- Fl-4 ta' Novembru iż-Żejtun qam maħsuda bit-telfa traġika ta' Dun Rene' Cilia li ghalkemm kien ilu biss fostna fiż-Żejtun għal madwar sentejn, kien irnexxielu jidħoll il-ġewwa f'qalb iż-Żwieten. Wirt iż-Żejtun isellmu lil Dun Rene'. Grazzi għal ġid li għamilt fostna. Nemmnu li dan il-ġid mhux se jieqaf b'mewtek.



- Nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru, membri mill-Lions Club Sliema żaru l-knisja parrokjali l-antika – San Girgor. Dawn ġew milqugħa mill-President ta' Wirt iż-Żejtun li ħa ħsieb idawwarhom mall-knisja u jtarfilhom l-istorja tagħha. Ingħatatilhom wkoll deskrizzjoni dwar il-valur arkitettoniku li għandha l-istess knisja.
- Fil-25 ta' Novembru, bħala ma għamilna s-sena l-oħra, Wirt iż-Żejtun organizzat Jum it-Tifkira. F'dan il-jum niftakru f'dawk iż-Żwieten ta' qabilna li b'ħidmiethom jew bit-talent tagħhom għamlu unur lil Beltna. Din is-sena fakkarna lil Arċisqof Mons Emmanuel Gerada permezz ta' quddiesa fil-knisja parrokkjali li għaliha attendew familjari ta' Mons Gerada, is-soċjetajiet Żwieten u l-Iscouts u l-Girl Guides taż-Żejtun, b'dawn ta' l-aħħar iċċelebraw ukoll Jum il-Parata fl-istess ġurnata. Wara l-quddiesa, sar korteo mill-knisja parrokkjali taċ-ċimiterju bis-sehem ta' l-Iscouts u l-Girl Guides, rapreżentanti tas-Soċjeta' Mużikali Beland, iċ-Circolo Musicale Santa Caterina u l-Għaqda Banda Żejtun.

## IL-WIRJA DWAR IL-VILLA RUMANA TAŻ-ŻEJTUN



**Nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru filgħaxija fetħet uffiċċjalment il-wirja li ttellgħet minn Wirt iż-Żejtun dwar il-Villa Rumana taż-Żejtun.**

Din il-wirja saret fiċ-Ċentru ta' l-Arti u l-Artiġjanat tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Sa biex setgħat issir din il-wirja sibna għajnuna kbira mill-Kunsill Lokali u l-koperazzjoni sħiħa tal-Parroċċa taż-Żejtun, Heritage Malta u d-Dipartiment tal-Klassiċi u Arkeoloġija ta' l-Universita' ta' Malta. L-isponsor uffiċċjali tal-wirja kienu ACTAVIS.

Kull min attenda għall-ftuħ tal-wirja u l-ġranet ta' wara kellu kliem ta' tifħir għall-preżentazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-istess wirja.



**LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI**
**NHAR IL-ĦADD 20 TA' JANNAR 2013**
**FID-9:30 TA' FILGĦODU**
**FIS-SALA TAĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻEJTUN**
**CORINTHIANS (FEJN IL-GRAWND)**
**FTAKAR TINGĦAQAD MAGĦNA**

## *Editorjal:* Wara Sentejn

**Nhar it-13 ta' Diċembru 2012 taħbat it-tieni sena minn meta ġie approvat l-istatut ta' Wirt iż-Żejtun u b'hekk twaqqfet din l-għaqda b'mod statutorju.**

Sentejn mhux tul ta' żmien, u wieħed għadu jista' jgħid li l-għaqda tagħna għada kemm twieldet. Minkejja dan, meta wieħed iħares lura, nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li f'dawn is-sentejn ma rqadniex, iżda konna attivi sew. Wieħed jista' jgħid li kważi organizzajna attivita' kull xahar. F'kull attivita' mhux biss kellna parteċipazzjoni u attendenza tajba iżda wkoll irċvejna kummenti pożittivi minn dawk li attendew.

Bla dubju ta' xejn, attivita' li kienet impenjattiva ħafna kien is-Simpożju dwar il-Villa Rumana li għamilna f'Ottubru li għadda u li miegħu ħadna ħsieb norganizzaw wirja dwar l-istess sit. Iżda, proġett li żgur li se jfakkar dan l-impenn, bla dubju ta' xejn, huwa l-ktieb dwar il-Villa Rumana. Din hija biċċa xogħol li żgur tibqa' mfakkra, għaliex il-ktieb jibqa' dokument permanenti.

F'dawn is-sentejn fl-għaqda daħlu aktar minn tmenin membru, li għal għaqda li twaqqfet biss sentejn ilu, mhux numru żgħir. L-għaqda tiddependi ħafna fuq is-sħubija. Għalekk napprezzaw ħafna li mhux biss fil-ġimgħat li ġejjin il-membri jġeddu s-sħubija tagħhom iżda wkoll iħajjru membri ġodda jisieħbu magħna.

F'Jannar li ġej, fil-laqgħa ġenerali annwali se jkun qiegħed jintgħażel kumitat ġdid għat-tmexxija ta' Wirt iż-Żejtun fis-sentejn li ġejjin. Żgur li l-għajnuna tagħkom permezz ta' sħibija f'din l-għaqda tkompli tħeġġeġ lil dan il-kumitat biex ikompli jaħdem għall-ġid ta' Beltna.

***Nawguraw lilkom u lil familji tagħkom Milied ħieni u sena ġdida mimlija saħħa u ġid.***

**IL-FESTI T-TAJBA**



# IL-PRESEPJU MEKKANIKU TAŻ-ŻEJTUN JAGĦLAQ 65 SENA

**Nhar il-Ħamis 13 ta' Diċembru, fl-10:30 ta' filgħodu, se norganizzaw attivita' marbuta mall-presepju mekkaniku li hemm fl-Istitut Ġesu' Nazzarenu u li din is-sena se jagħlaq 65 sena.**

Dan il-presepju kien sar fuq l-inizzjattiva ta' Mons Isqof Emmanuele Galea u kien inħadem minn Pawlu Pavia. Kien l-ewwel presepju mekkaniku li kien qatt sar f'Malta u huwa preżentazzjoni tal-ħames posti tal-ferħ. Matul ix-xhur li għaddew, dan il-presepju beda jiġi irrestawrat minn nepputi ta' Pawlu, Joseph Pavia, li qiegħed jagħtih l-attenzzjoni kollha sa biex dan il-wirt artistiku li għandna fiż-Żejtun ma jintilifx.

Kien għalek li Wirt iż-Żejtun ħsibna li nagħmlu din l-attivita fejn fiha Joseph Pavia se jagħmel preżentazzjoni li fiha se jispjega ix-xogħol ta' restawr li sar s'issa u dak li għad irid isir, sa biex ix-xogħol li għamel zijuh jibqa' jidgawda minn ġenerazzjonijiet futuri.



# SIMPOŻJU 2012
# IL-VILLA RUMANA TAŻ-ŻEJTUN



**Ħolma li kellna sa mit-twaqqif ta' Wirt iż-Żejtun, preċiżament sentejn ilu, saret rejalta' fis-6 t'Ottubru li għadda, bl-organizazzjoni ta' l-ewwel simpożju dwar il-wirt storiku ta' Beltna. Is-suġġett ta' dan is-simpożju kienet il-Villa Rumana taż-Żejtun, li tinsab fl-iskola sekkondarja tal-bniet, f'dak li kien il-Liċeo Carlo Diacono.**

Kienet ġurnata mimlija, bħal ma kienet mimlija is-sala tad-Domus, bi preżentazzjoni waħda wara l-oħra, kull waħda tiżvela temi ta' interess marbuta mas-sit tal-villa Rumana u l-inħawi tal-madwar.

Is-simpożju infetaħ mill-Eċċellenza Tiegħu, il-President Emeritus, Dr Ugo Mifsud Bonnici fid-09:00. Eżatt wara bdew il-preżentazzjonijiet minn kontributuri differenti lkoll esperti f'oqsma u xjenzi differenti iżda lkoll jiffukaw fuq dan is-sit arkeoloġiku li għanda fiż-Żejtun. Is-simpożju ingħalaq mis-Sindku taż-Żejtun fl-16:30.





**ĦU ĦSIEB ĠEDDED L-ISĦUBIJA TIEGĦEK F'WIRT IŻ-ŻEJTUN U ĦAJJAR OĦRAJN SA BIEX JISSIEĦBU MAGĦNA**

## L-EWWEL PUBBLIKAZZJONI TA' WIRT IŻ-ŻEJTUN TINSAB GĦALL-BEJGĦ




**Dan il-ktieb jinkludi fih il-preżentazzjonijiet kollha li saru minn akkademiċi, esperti u riċerkaturi li ġew mistiedna mill-għaqda għall-ewwel simpożju nazzjonali li sar fis-6 t'Ottubru. Dan jittratta t-tema, "Il-Villa Rumana taż-Żejtun: Riċerka, Konservazzjoni, Immaniġjar.**

**Il-ktieb ta' 144 faċċata huwa bil-lingwa Ingliża u stampat kollu bil-kulur.**

**Jinxtara minn għand Wirt iż-Żejtun u il-ħwienet tal-kotba għall-prezz ta' €20.**